Ref. Tagħna

# ĊIRKULARI NUMRU *SPI*/APP/9/2025

---

Lis- Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

Lill- Presidenti, Viċi Presidenti,
Membri u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Reġjonali

Mingħand: Id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*

**Suġġett: Emenda tal-*Policy* u l-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika (Devoluzzjoni)**

Data: 28 ta' Awwissu 2025

---

## 1. Għan

1.1 L-għan prinċipali ta' din l-emenda huwa li jiġi ffaċilitat l-proċess amministrattiv sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw b'mod aktar effiċjenti, strutturat u effettiv għall-amministrazzjoni ta' proprjeta' pubblika (devoluzzjoni). Din il-*policy* emendata għandha tissimplifika l-passi neċessarji u tiċċara r-rekwiżiti essenzjali għall-applikazzjoni.

## 2. Ir-Rwol tad-Diviżjoni

2.1 Matul is-snin, ġew identifikati diversi sfidi fil-proċess attwali, u għaldaqstant inħass il-bżonn li din il-*policy* tiġi simplifikata u tirrifletti ċar ir-rekwiżiti, u ttejjeb il-komunikazzjoni bejn l-entitajiet kollha involuti.

2.2 L-emendi ġew imfassla wara proċess ta' konsultazzjoni interna u ma' *stakeholders* relevanti.

2.4 L-emendi fil-*Policy* ħolqu wkoll il-bżonn li jsir tibdil fil-proċess involut kif ukoll li titfassal mill-ġdid il-Formola ta' l-Applikazzjoni.

2.5 Ma' din iċ-Ċirkulari qed tiġi mehmuża il-*Policy* emendata inkluż il-Formola tal-Applikazzjoni.

2.6 Ġew formulati wkoll Linji Gwida sabiex jiggwidaw il-Kunsilli Lokali fil-proċess kollu nvolut.

3. **Konklużjoni**

3.1 Dan id-Direttorat, japprezza il-kollaborazzjoni kontinwa tal-Kunsilli Lokali u ninsabu fiduċjużi li dawn l-emendi se jġibu aktar ċertezza u flessibbiltà, filwaqt li jsaħħu l-awtonomija lokali u l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi fil-komunitajiet tagħkom.

3.2 Talbiet għal kjarifiki jew għal aktar informazzjoni għandhom jintbagħtu permezz ta' imejl lid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* (SPI) fuq l-indirizz elettroniku app.dlg@gov.mt

3.3 Dawn l-emendi se jidħlu fis-seħħ f'effett mill-1 ta' Settembru 2025.

Marisa Pisani (iffirmata)
Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*

Mehmuża: Anness I: Policy dwar id-Devoluzzjoni Lokali
Appendiċi I: Formola tal-Applikazzjoni
Appendiċi II: Formola għall-Evalwazzjoni Finanzjarja
Appendiċi III: Linji Gwida

Kopji: Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali
Direttur Generali (Gvern Lokali)
Direttur għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport
Direttur, Konformità tal-Finanzi u tal-Akkwist
President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni